**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 13 - IT-TNEJN, 25 TA' LULJU 2011

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl- 4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Maria Vella | Membru |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Fuq proposta tas-Sinj. Muscat il-Kumitat qabel li jemenda para. 9.5 biex jiġi jaqra:

> *Il-Kumitat kien infurmat li ċerta Frances Borg minn Triq ir-Ridott għadha qed tipparkja kontra d-direzzjoni.*

1.2. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati kif emendati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-CHAIRPERSON**

2.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet attendiet seminar dwar il-promozzjoni fit-turiżmu. Dan is-seminar sar fil-Kunsill Lokali Floriana u kien jinkludi *workshops*. Is-seminar kien indirizzat mill-Onor. Dr Chris Said u l-Onor Dr Mario Demarco. Suġġetti msemmija kienu l-bajjiet, il-baħar u l-caravans. Hija kienet mitluba biex fejn ikun hemm problemi tikkuntattja lid-Direttur is-Sur Julian Zarb. Suġġetti oħra indirizzati kienu l-fondi għall-proġetti mill-UIF tal-MEPA, turiżmu ekoloġiku rurali u attivitajiet li jinkludu *treasure hunts* (speċjalment minn *conference incentive groups*). Is-Sur Woods semma li dawn huma riżorsi importanti li mhux utilizzati biżżejjed.

2.2. F'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku Pierre Sciberras. Il-ħin kien l-4:05pm.

2.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li s-Sinj. Goodhead minn Baħar iċ-Ċagħaq kienet ikkumplimentat lill-Kumitat għas-sistema tal-*one ways.*

2.4. F'dan il-ħin il-Kumitat iddiskuta kwotazzjoni mill-kuntrattur tal-ġonna għall-irranġar u l-kura ta' żoni fid-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq li ma kinux inklużi fil-kuntratt. Il-Kumitat għażel il-kwotazzjoni ta' €850 għaż-żewġ żoni indikati bin-numri 3 u 4. Dwar iż-żewġ żoni 1 u 2 il-Kumitat qabel li għalissa jistenna u possibilment jagħmel talba lil TM biex tieħu ħsiebhom hi.

## 3. JUM BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

3.1. Iċ-Chairperson infurmat li l-Onor Ministru Pullicino kien qiegħed jirrakkomanda li l-Pjazza tkun inawgurata f'Jum Baħar iċ-Ċagħaq u għalhekk, fid-dawl li m'hemmx Jum ikun stabbilit propju mal-inawgurazzjoni. Hija semmiet li l-attivitajiet ikunu jridu jiġu kordinati bejn il-Ministeru u l-Kumitat.

3.2. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li wieħed irid joqgħod attent li jistabilixxi Jum mal-inawgurazzjoni minħabba li dan se jaħbat għal tard fis-sena u għalhekk jista' jkun hemm problemi ta' temp kull sena li jkun iċċelebrat dan il-Jum.

3.3. Kien hemm qbil li f'dan l-istadju ma jsirx Jum Baħar iċ-Ċagħaq.

## 4. NEWSLETTER

4.1. Is-Sur Woods informa li se jippreżenta abbozz tal-fuljett fi żmien ġimgħa.

## 5. KORSIJIET TAL-PILATES U SELF DEFENCE

5.1. Kien hemm qbil li l-*Pilates* jitkompla kull nhar ta' Ħamis filgħaxijiet, *Aerobics* jitkompla kull nhar ta' Tnejn filgħaxija, iż-*Zumba* jitkompla kif inhu filwaqt li jitwaqqaf is-*Self Defence*.

5.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li, minħabba nuqqas ta' konkorrenza għall-korsijiet tal-kompjuter, il-kompjuters kollha kienu ttieħdu lura minn TCTC.

## 6. L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU

6.1. Kien hemm qbil li jsir marka STOP fi Triq l-Iskall filwaqt li ssir ukoll STOP fi Triq is-Sikka ma' Triq Anton Manwel Caruana.

6.2. Kien hemm qbil li possibilment Triq il-Fugassa ma' Triq l-Arzella ssir f'direzzjoni waħda u għalhekk kien hemm qbil li ssir konsultazzjoni mar-residenti.

## 7. TAĦRIĠ FUQ *TEAM BUILDING* GĦALL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

7.1. Is-Sur Woods ippropona li jorganizza taħriġ dwar *team building* għall-membri tal-Kumitat Amministrattiv. Dan jikkonsisti f'sessjoni ta' tliet siegħat u li jista' jkun estiż għall-Kunsillieri wkoll. Is-Sur Woods se jgħaddi aktar informazzjoni dwar dan.

## 8. PROPOSTA GĦAL TPINĠIJA FUQ ĦITAN TAL-BRIKKS

8.1. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet li, biex titneħħa d-dehra kerha ta' numru ta' ħitan tal-brikks, il-Kumitat jikkordina tpinġija fuq il-ħitan simili għal kif qed isiru lejn Pender Place. Hija diġà identifikat 'artist' li jagħmel dan ix-xogħol u għalhekk se tindaga aktar dettalji miegħu, permessi eċċ.

**9. PROPOSTA GĦAL *DOG PARK***

9.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet li ilha tixtieq li f'Baħar iċ-Ċagħaq ikun hemm *dog park* u għalhekk tkellmet anki mal-Ministru Pulliċino dwar din il-proposta fejn deher entużjast ħafna. Hija se tgħaddi *site plan* lill-Ministru biex tiġi identifikata art addattata.

**10. INIZJATTIVA – DETOX YOUR HOME COLLECTION**

10.1. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet li ssir attività biex tiffaċilità lir-residenti r-rimi ta' skart b'ammont goff li jkunu akkumulaw matul iż-żmien. Dan bil-ħsieb li jelimina tfiegħ ta' ammonti esaġerati minn fejn l-iskips jew f'postijiet oħra.

10.2. Il-Kumitat qabel ma' din il-proposta u għalhekk l-attività ssir is-Sibt 27 ta' Awwissu billi jitħalla trakk fi Triq Xatt il-Palm u r-residenti jieħdu l-iskart huma stess.

**11. ĦWEJJEĠ OĦRA**

11.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellmuha xi nies li qed jgħidu li t-tfal qed jixxabtu mal-ħadid tal-bandli.

11.2. Is-SE kien mitlub jibgħat *reminder* dwar il-konsultazzjoni pubblika mill-Wasteserv li ġiet mitluba ftit qabel.

11.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet is-servizz tat-trasport offrut mill-Arriva fejn kien hemm qbil li s-servizz huwa tajjeb u puntwali. Issemma wkoll li ma jidhirx li kien hemm għalfejn servizz għall-Ħdud filwaqt li servizz kull siegħa/sagħtejn għandu jkun biżżejjed. Issemma wkoll li mhux neċessarja vettura kbira imma jekk ikun *mini bus* biżżejjed. Issemmiet problema li qed jiffaċċjaw ir-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq biex imorru L-Isptar Mater Dei minħabba li l-X1 mhux qed tieqaf f'BIĊ.

11.4. .Is-Sinj. Muscat semmiet li *billboard* li hemm f'BIĊ qed jgħatti l-vista tat-traffiku u wieħed ma jarax x'ikun ġej bil-konsegwenza ta' xi aċċident. Intalab li jsir rapport lil TM.

11.5. Kien rappurtat li hemm xi siġar mill-binja tal-'Oasis' li qed jisporġu l-barra u anki hemm xi imbarazz li jidher minn barra fosthom TV.

11.6. Is-Sur Bonello tkellem dwar il-bżonn li ssir *shade* ma' lampa tat-triq. Huwa se jipprovdi aktar dettalji.

11.7. Is-Sur Bonello semma l-possibiltà li jkunu organizzati korsijiet fuq id-dwiefer. Huwa se jipprovdi aktar dettalji.

11.8. Is-Sur Bonello informa li se jipprovdi dettalji ta' trakk li qed ikun ipparkjat regolarment fit-triq.

11.9. Is-Sur Bonello irrimarka li l-iskips li hemm quddiem il-Knisja qed jaħlu spazju ta' żewġ karozzi u għalhekk forsi setgħu jitpoġġew fil-kantuniera. Madanakollu ma kienx hemm qbil dwar dan minħabba kwistjoni ta' aċċessibilità.

11.10. Is-Sinj. Cuomo semmiet fil-problemi li għadu jkun hemm bl-iskips u offriet li, jekk ikun possibli, jkunu installati CCTV's u tkun lesta li tikkunnettjahom mal-internet tagħha. Dan però jista' jqajjem kwistjoni tal-protezzjoni tad-data.

11.11. Is-SE kien infurmat li Triq Baħar iċ-Ċagħaq hemm bżonn id-dawl tat-toroq.

11.12. Is-SE kien mitlub jieħu l-passi biex iddur lampa fi Trejqet il-Kampanjol.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA**

12.1. Kien hemm qbil unanimu li laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu fl-4:00pm.

12.2. Il-laqgħa intemmet fis-5.55pm.

Mary Anne Cuomo
*Chairperson*

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv